

Editorjal Fr Carl Mario Sultana

# FEJN HU Ġesù Kristu?

Għadna kif iċċelebrajna l-Għid ta' Ġesù; ġranet li fihom infakkru l-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet. Ġrajja li nfakkruha ta' kull sena, u li ħafna drabi, aktar kemm jgħaddi ż-żmien aktar qed tkun imdawra minn ġrajjiet u stili ta' ħajja li jgħattu jew idallmu xi ftit it-tifsira vera ta' dawn il-ġrajjiet li aħna qegħdin infakkru: is-salvazzjoni tal-bnedmin kollha permezz ta' Ġesù Kristu. Dan jiġri l-aktar meta nintilfu f'attivitajiet li huma marbutin mad-dinja materjalista, u li flok iressquna lejn dan l-akbar misteru tal-fidi tagħna, aktar ibegħduna jew itellfuna milli naħsbu fil-fond fuq it-tifsira vera tiegħu.

Dawn il-ġranet ifakkruni b'mod speċjali f'metodu li kien jintuża fil-katekeżi, u li kien jagħti importanza kbira lil dan il-misteru tal-Għid. Hawn qed nirreferi għall-metodu kerigmatiku. Dan il-metodu kien jintuża għall-katekeżi bejn l-1930 u l-1960. Għalkemm dan huwa żmien li huwa ferm 'il bogħod miż-żmien li fih qegħdin ngħixu llum, kemm f'termini ta' mentalità, ta' teknoloġija, kif ukoll ta' pedagoġija, xorta nħoss li għandna ħafna x'nitgħallmu minn dan il-moviment ta' katekeżi kerigmatika.

Għall-moviment ta' katekeżi kerigmatika, Ġesù Kristu kellu dejjem il-post ċentrali. Kull tagħlim li kien isir permezz tal-katekeżi kerigmatika kien jibda u jintemm fil-Persuna ta' Ġesù Kristu, il-Feddej tal-bniedem. Fil-fatt, il-katekeżi kerigmatika kienet ibbażata totalment fuq il-Kelma ta' Alla li nsibuha fil-Kotba Mqaddsa. Mhux hekk biss, imma l-katekisti li kienu jużaw dan il-metodu kienu jenfasizzaw il-fatt li Ġesù Kristu huwa fiċ-ċentru billi jagħmlu referenza kontinwa għat-tlett ijiem imqaddsa tal-Għid. It-tlett ijiem imqaddsa tal-Għid kienu meqjusa l-qofol tal-missjoni ta' Ġesù, kif fil-fatt huma. Allura t-tlett ijiem imqaddsa tal-Għid huma wkoll il-qalba tal-fidi tagħna. B'hekk il-katekeżi kerigmatika kienet tipproklama kontinwamnent l-aħbar it-tajba tal-passjoni, tal-mewt u tal-qawmien ta' Ġesù bħala l-qofol tal-istorja tal-bniedem fejn Kristu huwa l-bidu l-ġdid.

Kemm inħoss li għandna x'nitgħallmu minn din il-katekeżi kerigmatika! U dan irridu nagħmluh mhux billi nikkupjaw dak li kienu jagħmlu l-katekisti ta' tmenin sena ilu. Jekk nagħmlu hekk, inkunu qed nippruvaw inkellmu lill-bniedem tal-lum fuq frekwenza żbaljata u żgur li ma nikkomunikawx tajjeb miegħu. Fl-istess waqt hemm bżonn li aktar ma jgħaddi ż-żmien, aktar qed isir urġenti l-għan li npoġġu lil Ġesù Kristu mill-ġdid fiċ-ċentru tal-katekeżi tagħna.